MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 84/2004

Avviz Numru 84/04DM

Atlas Insurance Agency Ltd u dawn bhala agenti ta' AXA Insurance PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghom Louis Schembri u l-istess Louis Schembri f'ismu proprju

Vs

Sherlock Cachia

Il-Qorti ;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' elf, sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,626) jew somma verjuri, danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura LOU 555 assikurata 'comprehensive' hlief ghas-somma ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) 'access' u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta'

Louis Schembri u dana billi fis-7 ta' Mejju, 2003, go l-Imsida waqt li l-konvenut  kien qed isuq il-vettura DAD 026 habat mal-vettutra LOU 555 proprjeta' ta' Louis Schembri u misjuqa minnu u ghal liema incident huwa unikament responsabbli.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali tat-23 ta' Gunju, 2003, u ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Lulju, 2003, u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fuq 166 mit-23 ta' Gunju, 2003, sal-hlas effettiv inkluz  (Lm15) konsult kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat deher personalment fis-seduta tal-lum u wara li ddentifika ruhhu mal-Qorti huwa ammetta t-talba attrici.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa' t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz  qeghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, sitt mija u sitta u ghoxrin lira Maltin (Lm1,626) bl-imghaxijiet bit-8% b'effett mit-23 ta' Gunju 2003 ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------